# RIFORMA TAL-ISKEJJEL SPEĊJALI



Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport

Dipartiment Servizzi tal-Istudent

# RIFORMA TAL-ISKEJJEL SPEĊJALI

Dipartiment Servizzi tal-Istudent

# Werrej


## Daħla

## 1. Introduzzjoni

1.1 Leġiżlazzjoni u Dokumenti
1.2 Tagħrif dwar kif wasalna sa hawn
1.3 Tqassim ta' Studenti

## 2. L-Iskejjel Speċjali

2.1 Skola San Miguel
2.2 Skola Helen Keller
2.3 Skola Guardian Angel
2.4 Skola Dun Manwel Attard
2.5 Livelli ta' Kisbiet ta' Studenti fi Skejjel Speċjali
2.6 Riżorsi Edukattivi u Umani

## 3. Il-Proposta

3.1 Iċ-Ċentri ta' Riżorsi Edukattivi
3.2 Metodu ta' kif jiġu riferuti l-istudenti
3.3 Għanijiet
3.4 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja
3.5 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja
3.6 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/Adulti Żgħażagħ
3.7 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Adulti Żgħażagħ
3.8 Iċ-Ċaqliqa

## 4. L-Istruttura ta' Tmexxija u l-Proċess ta' Implimentazzjoni

4.1 L-Istruttura tat-Tmexxija
4.2 Riżorsi Umani
4.3 Rekwiżiti Oħra
4.4 Proċess ta' Konsultazzjoni
4.5 Qafas ta' Żmien għall-Implimentazzjoni

## 5. Konklużjoni

## 6. Biblijografija

# Daħla

***Is-sistema edukattiva Maltija ilha għal bosta snin tiffoka fuq studenti bi bżonnijiet speċjali. Programmi edukattivi ġew żviluppati biex ikun żgurat li l-istudenti kollha li jattendu l-iskola jkunu pprovduti b'opportunitajiet u sfidi li jistimulaw l-iżvilupp tal-potenzjal tagħhom.***

Fl-1974, l-**Att dwar l-Edukazzjoni** għamel referenza speċifika għall-edukazzjoni ta' studenti f'eta` ta' skola obbligatorja u li għandhom "diżabilita` mentali, emozzjonali jew fiżika". Kien stipulat li dawn l-istudenti kellhom jiġu reġistrati u jattendu skola speċjali skont id-direzzjoni mogħtija mill-Ministru tal-Edukazzjoni. F'dawn l-aħħar 35 sena saru avvanzi kbar f'dan il-qasam edukattiv. Studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali ġew appoġġati f'ħames skejjel speċjali, li huma Skola Guardian Angel, Skola Dun Manuel Attard, Skola San Miguel u Skola Helen Keller f'Malta u Sannat *Special Unit* f'Għawdex.

Fl-1995 bdiet tkun imħaddma l-politika ta' inklużjoni fl-iskejjel tal-istat. Din wasslet biex kien hemm żieda ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li bdew jattendu skejjel regolari ma' tfal tamparhom u bl-appoġġ ta' *facilitator (assistent li jgħin fit-tagħlim – LSA)*. Minħabba f'hekk naqas in-numru ta' studenti fl-iskejjel speċjali. Dan qajjem ħafna diskussjonijiet u dibattiti dwar ir-rwol u l-użu ta' dawn l-iskejjel.

Fl-2005 ġiet assessjata s-sitwazzjoni fl-iskejjel speċjali permezz tal-proċess **Ħarsien mill-Ġdid tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali**, fejn ġie rrakkomandat li dawn l-iskejjel jiġu ristrutturati u żviluppati f'Ċentri ta' Riżorsi skont kif kien maħsub fid-**Dikjarazzjoni ta' Salamanca** tal-1994.

Ir-riforma li qed tiġi proposta f'dan id-dokument hija r-reazzjoni tagħna għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-**Ħarsien mill-Ġdid tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali** (2005). Din ir-riforma tipproponi li jkun hemm bidla f'dak li qed iseħħ bħalissa. Per eżempju: Studenti li bħalissa jattendu skola speċjali jibqgħu fl-istess skola tul iż-żmien kollu tal-esperjenza edukattiva

tagħhom iżda issa qed ikun propost li għandhom jingħataw iċ-cans li jesperjenzaw il-fażijiet skolastiċi differenti bħal ma' jagħmlu sħabhom li jattendu skejjel regolari.

Ir-riforma ser tipprovdi wkoll edukazzjoni ta' kwalita` lill-istudenti kollha bi bżonnijiet edukattivi individwali, sew jekk jattendu f'Ċentri ta' Riżorsi kif ukoll dawk fi skejjel regolari. Ir-riżorsi pprovduti f'dawn iċ-ċentri kif ukoll il-ħila tal-impjegati, ser ikunu disponibbli biex jagħtu l-appoġġ kollu neċessarju lil studenti, ġenituri, amministraturi tal-iskejjel, għalliema u LSAs li jaħdmu ma' tfal bi bżonnijiet edukattivi individwali u li jattendu skejjel regolari.

Din ir-riforma li qed tiġi proposta hija ħolqa oħra importanti f'katina ta' riformi li jwasslu għal kwalita` aħjar fl-edukazzjoni għat-tfal kollha. L-enfasi hi sabiex ikun hemm opportunitajiet indaqs u ekwità bejn skejjel regolari u Ċentri ta' Riżorsi, u dan permezz ta' strutturi ta' transizzjoni li huma komuni, billi ssir enfasi partikolari fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kurrikulu, kif ukoll billi jkunu provduti servizzi ta' kwalita` ogħla lill-istudenti.

B'hekk, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi jkun jista' jiżgura li kull student u studenta jiġu pprovduti b'opportunitajiet ta' tagħlim li jiftħulhom orizzonti ġodda aktar 'il quddiem.

**Micheline Sciberras**
Direttur Ġenerali
Direttorat għal Servizzi Edukattivi



# 1. Introduzzjoni

***L-edukazzjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem u s-sies għal soċjetà aktar ġusta. L-Edukazzjoni Inklużiva toffri l-mezzi li bihom tista' tintlaħaq l-Edukazzjoni għal Kulħadd. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ilu għal numru ta' snin, iħaddem programm ta' edukazzjoni inklużiva biex jiżgura aċċess ekwu għal kulħadd u biex tkun apprezzata d-diversità fost l-istudenti kollha.***

## 1.1 Leġiżlazzjoni u Dokumenti

L- Edukazzjoni Inklużiva hija kunċett li dejjem jevolvi, u r-riforma li qed tkun proposta, biex l-iskejjel speċjali jsiru ċentri ta' riżorsi, hija biss il-pass li jmiss f'sensiela ta' deċiżjonijiet u impenji li ttieħdu kemm f'livell nazzjonali u kemm f'livell internazzjonali. Dawn insibuhom fid-dokumenti li jidhru hawn taħt:

i. Dikjarazzjoni ta' Salamanca (1994)
ii. Il-Ħolqien ta' Skejjel Inklużivi (2002)
iii. Biex it-Tfal Jirnexxu Lkoll (2005)
iv. Ħarsien mill-Ġdid tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali (2005)
v. Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat fl-2006)

i. Id-**Dikjarazzjoni ta' Salamanca** (1994), li tagħha Malta hija firmatarja, fost ħwejjeġ oħra tiddeskrivi l-funzjoni dejjem tinbidel tal-iskejjel speċjali. Skejjel ta' din ix-xorta jidhru bħala:

> "*Riżorsa siewja għall-iżvilupp ta' skejjel inklużivi… Skejjel speċjali jistgħu jservu wkoll ta' ċentri ta' taħriġ u riżorsi għall-impjegati fi skejjel regolari… skejjel speċjali jew taqsimiet fi skejjel inklużivi jistgħu jibqgħu jagħtu l-aktar edukazzjoni addattata*

*għan-numru relattivament żgħir ta' tfal b'diżabilitajiet li ma jistgħux jingħataw servizz xieraq jew b'mod adegwat fi klassijiet jew skejjel regolari.*" (p.12)

ii. Id-dokument **Il-Ħolqien ta' Skejjel Inklużivi** – Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Politika tal-Kurrikulu Nazzjonali fuq l-Edukazzjoni Inklużiva (2002) jissuġġerixxi li:

> "*L-Iskejjel Speċjali eżistenti jistgħu jiffurmaw parti siewja u integrali mis-sistema inklużiva billi jassumu funzjoni akbar ta' appoġġ. Għaldaqstant għandhom ikunu żviluppati f'ċentri ta' riżorsi umani u materjali u ċentri minn fejn jista' jintalab parir professjonali.*" (p.7)

iii. **Biex it-Tfal Jirnexxu Lkoll** (2005) jenfasizza kif skejjel speċjali jkunu inkorporati fi ħdan grupp ta' skejjel li jaħdmu flimkien...

> "*Dawn l-iskejjel ikunu mistennija joffru servizz ta' żewġ tipi. L-ewwel li trid tkun offruta hija edukazzjoni ta' kwalità lil studenti b'diżabilità... It-tieni funzjoni tal-iskola tkun li toffri servizzi speċifiċi lil studenti b'diżabilità li iżda qegħdin fi skejjel regolari. B'dan il-mod, l-iskejjel speċjali kif nafuhom illum jiżviluppaw f'ċentri ta' riżorsi kif wkoll bħala ċentri minn fejn jingħata servizz" (p.60)*

iv. Id-dokument **Ħarsien mill-Ġdid tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali** (2005) jindika li:

> "*…l-istruttura eżistenti tal-iskejjel speċjali… għandha titfassal mill-ġdid biex jiżviluppaw ... f'ċentri ta' riżorsi.*" (p. 75)

v. L-**Att dwar l-Edukazzjoni** (kif emendat fl-2006) jgħid f'Artiklu 45 li:

> "*Ikun id-dover tal-Istat li jipprovdi ċentri ta' riżorsi li l-funzjoni speċjalizzata tagħhom tkun li tipprovdi għal tfal bi bżonnijiet edukattivi individwali li jistgħu jibbenefikaw aktar jekk ikunu f'ċentri bħal dawn milli fi skejjel regolari, għal dak iż-żmien skont meta jista`jkun addattat skont il-bżonnijiet tagħhom.*"

Meta wieħed iqis ir-rakkomandazzjonijiet u l-impenji msemmija hawn fuq, l-għan li skejjel speċjali jkunu mibdulin f'ċentri ta' riżorsi għandu jkun li:

a. jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità, b'aċċess aħjar għall-Kurrikulu Nazzjonali għall-istudenti kollha;
b. joffru servizzi speċjalizzati lil studenti fi skejjel regolari;
c. joffru servizzi, appoġġ u taħriġ lil impjegati fi skejjel regolari;
d. jaġixxu ta' katalist fl-introduzzjoni ta' metodi u sistemi innovattivi għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali.

## 1.2 Tagħrif dwar kif wasalna sa hawn

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ilu għaddej bi programm intensiv għall-promozzjoni ta' edukazzjoni inklużiva, sa mill-bidu tal-1989. Minn dak iż-żmien 'l hawn saru bosta kisbiet kbar u li ħallew effett fuq is-sistema edukattiva tagħna. Ir-riżultati ta' din il-bidla hekk sinifikanti jistgħu jidhru, fost ħwejjeġ oħra, minn dan li ġej:

a. id-dritt tal-ġenituri li jiddeċiedu huma liema skola jattendu t-tfal tagħhom;
b. tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' studenti li għandhom bżonnijiet edukattivi individwali u li jattendu skejjel speċjali;
c. żieda fin-numru ta' studenti li għandhom bżonnijiet edukattivi individwali u li jattendu skejjel regolari.

Biex din il-bidla setgħet isseħħ, ittieħdu għadd ta' inizjattivi u fosthom wieħed jista' jsemmi dawn li ġejjin:

1. It-twaqqif ta' *Statementing Moderating Panel* u Bord ta' Appell li huma komposti minn professjonisti minn oqsma differenti. Il-*panel* flimkien mal-ġenituri/tuturi u/jew rappreżentanti li jaqbżu għall-interessi tal-ġenituri/studenti, kif ukoll professjonisti oħra, jagħmlu evalwazzjoni fil-fond ta' punti li joħorgu minn rapporti bil-miktub magħmulin minn psikologu jew professjonisti oħra li jindikaw il-bżonnijiet individwali ta' dawk l-istudenti li jkunu riferuti lill-*panel*.

2. Qed ikunu provduti diversi servizzi ta' appoġġ biex jgħinu lil student b'dikjarazzjoni ta' bżonnijiet. Dawn jinkludu:

i. għalliema peripatetiċi għal dawk li għandhom nuqqas ta' smigħ u dawk li għandhom nuqqas ta` vista;
ii. għalliema għal interventi bikrin;
iii. assistenti li jgħinu fit-tagħlim (LSA) biex jagħtu appoġġ lil studenti fi skejjel regolari;
iv. servizzi ta' natura psiko-soċjali;

v. tim ta' appoġġ għal studenti b'awtiżmu;
vi. taqsima li tassigura aċċess għall-komunikazzjoni u teknoloġija;
vii. interpreti tal-lingwa tas-sinjali;
viii. it-twaqqif ta' Dipartiment Servizzi tal-Istudent li fi ħdanu ġew imwaqqfa karigi ġodda bħal maniġers bl-inkarigu speċifiku għal edukazzjoni inklużiva u speċjali, koordinaturi ta' inklużjoni (INCOs) biex jaħdmu f'kollaborazzjoni ma' skejjel u professjonisti oħra fil-qasam tas-servizzi psiko-soċjali.

3. L-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' Pjan Edukattiv Individwali (IEP) għal studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet;

4. It-twaqqif ta' diversi korsijiet f'livell ta' diploma u ċertifikat speċifikament immirati għal assistenti li jgħinu fit-tagħlim (LSAs);

5. L-organizzazzjoni ta' diversi korsijiet u seminars għall-amministratturi tal-iskejjel, għalliema u assistenti li jgħinu fit-tagħlim;

6. Il-pubblikazzjoni ta' sillabu speċifiku u addattat (*syllabus supplement*) biex jiggwida lill-għalliema u l-assistenti li jgħinu fit-tagħlim ħalli jkun żgurat li l-istudenti kollha jkollhom aċċess għall-Kurrikulu Nazzjonali;

7. Il-pubblikazzjoni ta' numru ta' dokumenti u emendi leġiżlattivi għall-Att dwar l-Edukazzjoni, kollha maħsuba biex ikollna skejjel aktar inklużivi.

## 1.3 Tqassim ta' Studenti

*Studenti li jattendu skejjel speċjali*

Kif intqal qabel, dawn l-inizjattivi kollha wasslu għal tnaqqis konsiderevoli fin-numru ta' studenti li jattendu skejjel speċjali. L-eta` tal-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel tvarja minn 4 snin sa 22 sena. Madankollu jrid jingħad li n-numru ta' studenti ġodda f'dawn l-iskejjel fil-livell primarju naqas konsiderevolment billi l-maġġoranza tal-istudenti bi bżonnijiet individwali qed jattendu skejjel regolari. Insibu 16-il student fl-eta` ta' bejn 4 snin u 10 snin li jattendu f'xi waħda mill-erba' skejjel speċjali.

In-numru ta' studenti jikber fil-livell sekondarju. B'kollox hemm 78 student li huma fl-età ta' bejn il-11 u l-15-il sena.

Il-maġġoranza tal-istudenti (100) għandhom 16-il sena jew aktar u allura huma ta' eta' post-sekondarju,

*Studenti li jattendu skejjel regolari*

Billi kien hemm tnaqqis fin-numru ta' dawk l-istudenti ta' bejn 4 snin u 16-il sena li jattendu skejjel speċjali, kienet reġistrata żieda ta' dawk li jattendu skejjel regolari. Informazzjoni miġbura f'Ottubru 2008 turi li n-numru ta' studenti li għandhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari tal-istat kien 1,588. Dan ma jfissirx iżda, li dawn l-istudenti kollha kienu se jattendu fi skejjel speċjali li kieku ma kienx hemm Politika ta' Inklużjoni.

L-Att dwar l-Edukazzjoni (2007) f'Artiklu 45(2) jgħid li:

*"Minorenni jitqies li għandu bżonnijiet edukattivi speċjali meta dak il-minorenni għandu diffikultajiet speċjali ta' xorta fiżika, sensorja, intellettwali jew psikoloġika."*

B'mod generali, wieħed jista' jgħid li studenti li għandhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet jgħaddu minn diffikultajiet li jistgħu jiġu klassifikati taħt is-seba' kategoriji wesgħin kif ġejjin:

a. Diżabilità intellettwali
b. Diffikultajiet speċifiċi biex jitgħallmu
c. Diffikultajiet emozzjonali u fl-imġiba
d. Diffikultajiet ta' komunikazzjoni
e. Diffikultajiet Sensorji
f. Diżabilità fiżika
g. Diżabilitajiet multipli

Xi studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari jista` jkun jeħtieġu servizzi li qegħdin jiġu offruti fi skejjel speċjali. Dawn is-servizzi jinkludu l-użu ta' pixxina idroterapewtika, kmamar multi-sensorji u softwer u tagħmir speċjalizzat, bħal per eżempju għajnuna għall-komunikazzjoni u li dawn qed jingħataw mill-iskejjel speċjali.

*Billi kien hemm tnaqqis fin-numru ta' dawk l-istudenti ta' bejn 4 snin u 16-il sena li jattendu skejjel speċjali, kienet reġistrata żieda ta' dawk li jattendu skejjel regolari.*



# 2. L-Iskejjel Speċjali

***Għalkemm studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali ġeneralment jattendu fi skejjel regolari aktar milli fi skejjel speċjali, għad għandna numru ta' skejjel speċjali li għadhom jiffunzjonaw. F'dawn l-iskejjel hemm ukoll numru ta' studenti li għandhom aktar minn 16-il sena, jiġifieri li qabżu l-eta' tal-edukazzjoni obbligatorja.***

F'dawn l-iskejjel jattendu studenti li jibbenefikaw aktar meta jkunu fi skejjel ta' din ix-xorta milli kieku kienu fi skejjel regolari. Hu stmat li l-persentaġġ tal-istudenti li jattendu skejjel speċjali huwa ta' 0.36% tal-istudenti kollha f'pajjiżna . It-Taqsima Edukazzjoni Speċjali fid-Dipartiment Servizzi tal-Istudent tappoġġja l-iskejjel speċjali biex jipprovdu servizzi edukattivi u professjonali lil studenti li jattendu dawn l-iskejjel. Din li ġejja hija stampa ħafifa tal-erba' skejjel speċjali.

## 2.1 Skola San Miguel

Il-numru ta' studenti li qed jattendu din l-iskola matul l-2008/09 huwa ta' 44 student fuq bażi regolari u li għandhom bejn 4 snin u 22 sena. F'din l-iskola jattendu l-maġġoranza ta' studenti fl-età tal-iskola primarja u li jattendu skejjel speċjali. Studenti li jattendu l-Iskola San Miguel għandhom diżabilitajiet profondi u multipli (PMLD). Barra minn hekk, din l-iskola toffri wkoll servizzi lil għadd ta' studenti li jattendu skejjel regolari. Jista' jkun hemm studenti oħrajn li jattendu skejjel regolari u li jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi mogħtija f'din l-iskola.

## 2.2 Skola Helen Keller

L-Iskola Helen Keller twaqqfet biex taghti edukazzjoni lil studenti b'nuqqas ta' vista u ta' smigħ. Minħabba l-Politika ta' Inklużjoni li kienet qed tiġi pprattikata tul dawn l-aħħar snin, dawn l-istudenti qed jattendu skejjel regolari. Studenti li għandhom diffikultajiet profondi

u multipli (PMLD) kif ukoll ibatu minn problemi multi-sensorji għadhom jattendu din l-iskola. In-numru ta' studenti li qed jattendu f'din l-iskola matul is-sena skolastika 2008/09 huwa ta' 20.

Dan ifisser li bħalissa l-Iskejjel San Miguel u Helen Keller qegħdin it-tnejn li huma jappoġġjaw studenti li għandhom diffikultajiet profondi u multipli (PMLD) f'livell primarju, sekondarju u post-sekondarju.

## 2.3 Skola Guardian Angel

In-numru ta' studenti li qed jattendu l-Iskola Guardian Angel matul is-sena skolastika 2008/09 huwa 83. L-etajiet tal-istudenti f'din l-iskola jvarjaw bejn 9 snin u 22 sena. Studenti li jattendu din l-iskola għandhom bżonnijiet kumplessi ta' komunikazzjoni u/jew diffikultajiet intellettwali. Xi oħrajn għandhom diżabilitajiet multipli iżda mhux profondi.

## 2.4 Skola Dun Manwel Attard

In-numru ta' studenti li qed jattendu l-Iskola Dun Manwel Attard matul is-sena skolastika 2008/09 huwa 51. Fil-maġġoranza tagħhom l-istudenti f'din l-iskola għandhom sittax-il sena jew aktar. Studenti li jattendu l-Iskola Dun Manwel Attard għandhom bżonnijiet kumplessi ta' komunikazzjoni u/jew diffikultajiet intellettwali.

Dan ifisser li studenti li jattendu l-Iskejjel Guardian Angel u Dun Manwel Attard għandhom l-istess bżonnijiet u fil-parti l-kbira tagħhom għandhom ukoll l-istess eta'.

## 2.5 Livelli ta' Kisbiet ta' Studenti fi Skejjel Speċjali

Studenti li jattendu skejjel speċjali għandhom livell ta' kisbiet li huma aktar baxxi mill-ewwel livell (level descriptor 1) tal-Kurrikulu Nazzjonali. Il-Livell ta' Kisbiet fis-sillabu speċifiku u addattat li kien pubblikat f'Novembru 2007 jagħti l-livelli ta' kisbiet fil-każ ta' studenti li għandhom Bżonnijiet Edukattivi Individwali u li għadhom qed jaħdmu biex jaslu

*...f'kull waħda mill-erba' skejjel illum qed jattendu studenti li l-età tagħhom tvarja mil-livell primarju, għal dak sekondarju u dak post-sekondarju.*

għall-ewwel Livell tal-Kurrikulu Nazzjonali. Dan is-sett ta' 8 livelli ta' kisbiet (Livell ta' Kisba 1 sa Livell ta' Kisba 8) jiġu qabel it-tmien livelli tal-Kurrikulu Nazzjonali u jkun tajjeb jekk dawn jitqiesu flimkien bħala proċess wieħed ta' kisbiet.

L-assessjar tal-istudenti huwa bbażat fuq PACE 2. Din hija għodda ta' assessjar fil-każ ta' studenti li għandhom bżonnijiet edukattivi individwali u ġiet żviluppata minn EQUALS[1] biex tistabbilixxi livelli ta' kisbiet għal kull student f'Ħila li jaqra u jikteb, Ħila fin-Numri, Xjenza, Żvilupp Personali u Soċjali u l-fergħat korrispondenti tagħhom. Dan l-assessjar huwa monitorjat mill-Università ta' Durham.

Riżultati li joħorġu mill-assessjar jindikaw li studenti li jkollhom diffikultajiet profondi u multipli (PMLD) u diżabilitajiet multipli severi l-aktar li jaslu hu bejn Livell ta' Kisba 1 u Livell ta' Kisba 4 (A1 – A4).

Min-naħa l-oħra, studenti li jkollhom diffikultajiet kumplessi ta' komunikazzjoni u/jew diffikultajiet intellettwali għandhom livell ta' kisba wisq aktar varjat li jinfirex tul l-ispettru kollu tal-kisbiet. Dan ivarja wkoll fost is-suġġetti differenti li jiġu assessjati.

Mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq wieħed jirrealizza li f'kull waħda mill-erba' skejjel illum qed jattendu studenti li l-età tagħhom tvarja mil-livell primarju, għal dak sekondarju u dak post-sekondarju. Mill-banda l-oħra l-livell ta' kisbiet ukoll ivarja minn Livell ta' Kisba 1 sa dawk li laħqu l-ewwel livell tal-Kurrikulu Nazzjonali.

Din l-istruttura qed tippreżenta għadd ta' nuqqasijiet li jeħtieġ ikunu indirizzati:

a. Kull skola speċjali qed ikollha studenti li l-esperjenzi edukattivi tagħhom ivarjaw minn edukazzjoni primarja sa dik sekondarja kif ukoll dik ta' adulti żgħażagħ. Dan qiegħed joħloq diffikultà biex ikun hemm speċjalizzazzjoni fid-diversi fażijiet tal-kurrikulu;
b. Riżorsi eżistenti qed ikunu ripetuti. L-erba' skejjel qed ikollhom jinvestu f'riżorsi li huma addattati għal-livell primarju, għal-livell sekodarju u għal-livell ta' adulti żgħażagħ;
c. L-iskejjel speċjali mhux qed jirnexxilhom jagħtu l-esperjenza ta' fażijiet differenti fil-ħajja ta' student, jiġifieri l-mixja mill-primarja għas-sekondarja u mis-sekondarja għall-edukazzjoni ta' adulti żgħażagħ. L-istudenti qed jibqgħu fl-istess skola tul iż-żmien kollu tal-esperjenza edukattiva tagħhom;
d. M'hemmx biżżejjed opportunitajiet għal studenti, għalliema u *support staff* biex dawn jaħdmu flmkien ma' kollegi tagħhom fi skejjel regolari u jaqssmu bejniethom esperjenzi u prattiċi tajbin;

---

1 EQUALS hija organizzazzjoni mhux għall-qligħ li tagħti linji gwida u riżorsi kurrikulari lil studenti li ma jaslux sal-ewwel livell tal-Kurrikulu Nazzjonali tar-Renju Unit.

*Il-membri kollha tas-support staff li nsibu f'dawn l-erba' skejjel speċjali rċevew xi forma ta' taħriġ addattat għall-ħidma tagħhom.*

e. Bħalissa, fl-iskejjel speċjali qed jattendu studenti li qabżu d-19-il sena u li suppost qed jattendu Ċentri ta' Matul il-Jum. Fil-fatt, hemm 48 student (25% tal-istudenti fl-iskejjel speċjali) li qabżu d-19-il sena u li għadhom jattendu l-iskejjel speċjali.

## 2.6 Riżorsi Edukattivi u Umani

Fost ir-riżorsi u s-servizzi li nsibu fl-erba' skejjel speċjali insibu:

- pixxina idroterapewtika
- banjijiet idroterapewtiċi
- kmamar multi-sensorji
- sistema *opti-music*
- softwer u ħardwer speċjalizzati
- għajnuniet għall-komunikazzjoni
- gimms
- kamra għall-ICT
- sistema speċjalizzata ta' siġġijiet għal studenti bi bżonnijiet fiżiċi
- servizz ta' infermiera
- tagħmir għall-fiżjoterapija
- kliniċi ta' *speech and language*
- mezzi biex ikun hemm stimulu sensorju
- frejms biex jgħinu l-istudenti joqogħdu weqfin
- siġġijiet għal taħt id-doċċa
- *gait trainers*, u apparat ieħor biex ikunu jistgħu jiġu merfugħa u mqandla l-istudenti
- klassijiet b'faċilitajiet ta' tojlit magħhom
- faċilitajiet għat-trasport u vannijiet mgħammra b'lift

Fl-erba' skejjel insibu Kap tal-Iskola, għalliema u *support staff*. L-għalliema f'dawn l-iskejjel huma kollha kwalifikati u wħud minnhom għandhom kwalifiki oħra addizzjonali.

Il-membri kollha tas-*support staff* li nsibu f'dawn l-erba' skejjel speċjali rċevew xi forma ta' taħriġ addattat għall-ħidma tagħhom. Il-parti l-kbira tal-Kindergarten Assistants u l-assistenti supplenti li jgħinu fit-tagħlim fi skejjel speċjali għamlu l-kors ta' għaxar ġimgħat *Supporting Students with Individual Edukational Needs* organizzat mid-Dipartiment Servizzi tal-Istudent u oħrajn għandhom *Diploma in Facilitating Inclusive Education.*

Fl-iskejjel speċjali insibu ħaddiema oħra li jikkomplementaw ix-xogħol li jsir fl-iskejjel. Dawn jinkludu infermiera, *nursing aides*, u *assistant care workers*. Impjegati oħra jinkludu skrivani, fattigi, *handymen, watchmen*, ġardinara u sewwieqa.

Fl-iskejjel ta' San Miguel u Helen Keller isiru sessjonijiet ta' fiżjoterapija minn fiżjoterapisti kwalifikati bis-saħħa ta' ftehim mas-Segretarjat Parlamentari għas-Saħħa. F'kull skola jingħata wkoll servizz ta' *speech and language therapy* bis-saħħa tal-istess ftehim.

*L-għalliema f'dawn l-iskejjel huma kollha kwalifikati u wħud minnhom għandhom kwalifiki oħra addizzjonali.*



# 3. Il-Proposta

## 3.1 Iċ-Ċentri ta' Riżorsi Edukattivi

Id-Dipartiment Servizzi tal-Istudent qed jipproponi li jirriorganizza l-erba' skejjel speċjali u minflokhom iwaqqaf:

- Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja – fejn il-lum hemm l-Iskola San Miguel;
- Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja – fejn il-lum hemm l-Iskola Guardian Angel;
- Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ – fejn il-lum hemm l-Iskola Helen Keller;
- Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ – fejn il-lum hemm l-Iskola Dun Manwel Attard.

Kull ċentru għandu jifforma parti minn Kulleġġ u l-operat tiegħu jkun jaqa' taħt l-amministrazzjoni tal-istess Kulleġġ. Madankollu, ċ-Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja għandhom joffru s-servizzi speċjalizzati tagħhom lil studenti fi skejjel regolari fil-Kulleġġi kollha.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ għandu jikkollabora u jagħti appoġġ lill-istituzzjonijiet edukattivi għal adulti żgħażagħ. Dan jiżgura li dawn iċ-ċentri ma jkunux segregati mill-istituzzjonijiet edukattivi regolari.

Il-Ħidma flimkien fost l-erba' ċentri, kif wkoll mal-iskejjel regolari kollha u istituzzjonijiet u aġenziji oħra, hija meqjusa bħala ferm importanti għax din tħalli ħafna ġid fost l-istudenti.

## 3.2 Metodu ta' kif jiġu riferuti l-istudenti

Għandha ssir talba biex student jibda jattendi f'wieħed minn dawn iċ-Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni.

Għalhekk qed ikun irrikmandat li għandu jitwaqqaf tim ta' professjonisti (minn issa 'l quddiem imsejjaħ it-Tim) biex jevalwa t-talbiet u jagħti parir lill-ġenituri dwar liema istituzzjoni edukattiva hija l-aktar addattata għall-istudent partikolari li jkollu dikjarazzjoni ta' bżonnijiet. Dan japplika għal:

- talba biex studenti jattendu Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni minn skejjel regolari;
- talba biex studenti li qed jattendu Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni jibdew jattendu skejjel regolari;
- talba biex studenti jmorru minn Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni għal Ċentru ieħor jekk dan imur kontra dak li qed jiġi propost f'dan id-dokument;
- talba biex studenti jibdew jattendu f'Ċentru ta' Riżorsi sa minn meta jkunu għadhom taħt l-età tal-iskola.

## 3.3 Għanijiet

L-Għan wara din ir-riforma hi li:

- Kull student għandu jirċievi edukazzjoni ta' kwalità kemm jekk hu fi skola regolari jew f'ċentru ta' riżorsi għall-edukazzjoni, kif ukoll irrispettivament mil-livell li jkollu ħila jilħaq;
- Kull student għandu jkollu aċċess għal edukazzjoni skont id-dritt li kull student għandu li jkollu aċċess għall-Kurrikulu Nazzjonali;
- Kull student għandu jkollu aċċess għal edukazzjoni li tindirizza l-bżonnijiet edukattivi, vokazzjonali, soċjali u morali tiegħu;
- Studenti li għandhom Bżonnijiet Edukattivi Individwali u li huma fi skejjel regolari jistgħu jagħmlu użu mir-riżorsi fiċ-Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni jekk jeħtiġilhom jagħmlu dan. B'hekk, dawn l-istudenti jkunu jistgħu jingħataw numru ta' servizzi b'mod kontinwu u inklużivi skont il-bżonnijiet tagħhom;

> *Kull student għandu jirċievi edukazzjoni ta' kwalità kemm jekk hu fi skola regolari jew f'ċentru ta' riżorsi għall-edukazzjoni, kif ukoll irrispettivament mil-livell li jkollu ħila jilħaq.*

- L-istudenti jkollhom l-opportunità li jgħaddu mill-esperjenza tal-fażijiet differenti fil-ħajja ta' student, jiġifieri li minn skola primarja jgħaddu għal skola sekondarja, minn skola sekondarja jgħaddu għal istituzzjoni għall-adulti żgħażagħ, u eventwalment għal istituzzjonijiet edukattivi oħra, impjieg jew Ċentri ta' Matul il-Jum skont liema jkun l-aktar addattat għalihom;
- Għalliema u *support staff* speċjalizzati f'dan il-qasam ikunu jistgħu jappoġġjaw u jikkollaboraw mal-kollegi tagħhom fi skejjel regolari;
- Prattiċi tajbin, metodi u sistemi innovattivi, metodi ta' tagħlim u għajnuniet għat-tagħlim addattati għal studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali jkunu jistgħu jiġu żviluppati u jiġu mqassma fost dawk kollha nvoluti kemm f'ċentri ta' riżorsi u kemm fi skejjel regolari.

## 3.4 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja (fejn il-lum hemm l-Iskola San Miguel)

Fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja għandhom jattendu studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet. Għalhekk, għandha ssir talba speċifika u jekk din tiġi milqugħha mit-Tim, huma jkunu jistgħu jibdew jattendu f'dan iċ-ċentru.

F'dan iċ-ċentru għandhom jattendu studenti li għandhom minn 3 snin sa 11-il sena. Fil-każ ta' studenti li għandhom diffikultajiet profondi u multipli (PMLD), il-limitu tal-età jittawwal b'sentejn. Fl-età ta' 13-il sena dawn l-istudenti jgħaddu għal Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ. Dan għandu jagħmel il-mixja ta' dawn l-istudenti għal ċentru iehor aktar faċli għaliex b'hekk tkun qed issir ċaqliqa waħda biss.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja se jipprovdi wkoll servizzi lil studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari, iżda li fl-istess ħin jeħtieġu servizzi speċjalizzati li jinsabu biss f'ċentru ta' riżorsi.

Il-mixja minn Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja għal xi istituzzjoni edukattiva oħra għandha tkun ibbażata fuq pjan individwali ta' transizzjoni dettaljat u kull ċaqliqa għandha ssir skont il-proċess li għandu jiġi segwit jew jekk ikun irrikmandat mit-Tim.

Il-funzjoni taċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja hija li:

- Jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità li tindirizza l-bżonnijiet individwali tal-istudenti u b'hekk ikollhom l-opportunità li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;
- Jiżgura aċċess għall-Kurrikulu Nazzjonali billi jibni fuq il-preġi u l-bżonnijiet individwali tal-istudenti;
- Jistimula l-istudenti biex jieħdu pjaċir waqt il-lezzjonijiet u biex jiżviluppaw sens ta' kurżità dwar id-dinja ta' madwarhom;
- Jiffissa miri ta' tagħlim għall-istudenti kollha u biex ikunu żgurati opportunitajiet

indaqs għal kulħadd biex hekk jirnexxu lkoll;
- Joffri ambjent addattat li bis-saħħa tiegħu l-istudenti jiżviluppaw ħiliet fiżiċi, konjittivi, komunikattivi, emozzjonali u żvillupp tal-imġiba u b'hekk ikabbru kemm jista' jkun l-għerf u l-fehim tagħhom;
- Jipprovdi servizzi u programmi edukattivi speċjalizzati bħal, per eżempju, pixxina idroterapewtika, *opti-music* u kamra multi-sensorja;
- Jipprovdi lill-istudenti b'opportunitajiet biex jibdew jagħmlu għażliet infurmati bl-appoġġ ta' oħrajn;
- Jipprovdi servizzi lil studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari jew Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni oħra;
- Jikkollabora ma' skejjel regolari biex flimkien jaqsmu prattiċi tajbin u informazzjoni;
- Jikkollabora ma' ġenituri/tuturi fl-aħjar interess tal-istudent;
- Isawwar sħubija ma' organizzazzjonijiet volontarji biex ikun żgurat li l-istudenti jirċievu s-servizzi b'mod ħolistiku u mingħajr skossi.

## 3.5 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja (fejn il-lum hemm l-Iskola Guardian Angel)

Fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja għandhom jattendu studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u dan skont kif irrikmandat mit-Tim. F'dan iċ-Ċentru għandhom jattendu studenti li jkollhom bejn 11 u 16-il sena.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja jipprovdi wkoll servizzi lil studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari, iżda li fl-istess ħin jeħtieġu servizzi speċjalizzati li jinsabu biss f'ċentu ta' riżorsi.

Il-mixja li ssir miċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja għal xi istituzzjoni edukattiva oħra għandha tkun ibbażata fuq pjan individwali ta' transizzjoni dettaljat, u li dan iċ-ċaqliq hu skont il-proċess li għandu jiġi segwit jew jekk ikun irrikmandat mit-Tim.

Il-funzjoni taċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja jkun l-istess bħaċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja u għandu wkoll:

- Jiffissa miri ta' tagħlim addattati għall-istudenti kollha biex jiżgura aċċess usa' għal firxa ta' suġġetti u esperjenzi normalment assoċjati ma' edukazzjoni sekondarja;
- Joffri ambjent addattat li permezz tiegħu l-istudenti jkomplu jiżviluppaw ħiliet fiżiċi, konjittivi, komunikattivi, emozzjonali u żvillupp tal-imġiba biex ikabbru kemm jista' jkun l-għerf u l-fehim tagħhom;

- Jipprovdi servizzi u programmi edukattivi speċjalizzati bħal per eżempju programmi speċjalizzati fuq il-kontroll tal-imġiba;
- Jappoġġja studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari u Ċentri ta' Riżorsi oħra;
- Jikkollabora ma' istituzzjonijiet edukattivi u organizzazzjonijiet volontarji biex jagħmluha aktar facli li istudenti jkunu jistgħu jgħaddu għal istituzzjonijiet edukattivi oħra u/jew jingħataw taħriġ vokazzjonali ;
- Jaħdem ma' ġenituri/tuturi fl-aħjar interess tal-istudent.

## 3.6 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/Adulti Żgħażagħ (fejn il-lum hemm l-Iskola Helen Keller)

Fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ għandhom jattendu studenti b'diffikultajiet profondi u multipli (PMLD) u li jkunu segwew l-esperjenza edukattiva tagħhom fiċ-ċentru ta' riżorsi għall-edukazzjoni primarja jew fi skejjel regolari wara li jkunu ġew irrikmandati mit-Tim. F'dan iċ-ċentru għandhom jattendu studenti ta' bejn it-13 u t-22 sena li juru dipendenza kostanti fuq oħrajn u li eventwalment ikunu jeħtieġu appoġġ tul ħajjithom kollha.

Il-mixja minn dawn iċ-Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni għal Ċentru ta' Matul il-Jum għandha tkun ibbażata fuq pjan individwali ta' transizzjoni dettaljat kif miftiehem ma' dawk kollha involuti.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ għandu jkollu l-għan li:

- Itejjeb il-kwalità ta' ħajja u jibni fuq il-preġi u l-interessi tal-istudenti individwali;
- Jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità li tindirizza l-bżonnijiet individwali tal-istudenti biex b'hekk kollha jkollhom l-opportunità li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;
- Jiżgura aċċess għall-Kurrikulu Nazzjonali billi jibni fuq il-ħiliet, l-għerf u l-fehim tal-istudenti;
- Jistimula studenti biex jieħdu sehem fil-lezzjonijiet u jsiru parteċipanti attivi fil-proċess tat-tagħlim u dan isir b'appoġġ adegwat;

*Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ għandu jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità li tindirizza l-bżonnijiet individwali tal-istudenti biex b'hekk kollha jkollhom l-opportunità li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.*

- Jiffissa miri ta' tagħlim addattati għall-istudenti kollha biex jiżgura aċċess usa' għal firxa ta' suġġetti;
- Joffri ambjent addattat li bis-saħħa tiegħu studenti jkomplu jiżviluppaw ħiliet fiżiċi, konjittivi, komunikattivi, emozzjonali u żvillupp tal-imġiba biex ikabbru kemm jista' jkun l-għerf u l-fehim tagħhom;
- Jipprovdi servizzi u programmi edukattiv speċjalizzati bħal kamra multi-sensorja u banju idroterapewtiku;
- Jipprovdi esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum biex jgħin l-istudenti fil-mixja tagħhom mill-adolexxenza għall-istat ta' adulti;
- Irawwem ħiliet fl-istudenti biex huma jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati bl-appoġġ ta' oħrajn;
- Jaħdem ma' ġenituri/tuturi fl-aħjar interess tal-istudent.

## 3.7 Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Adulti Żgħażagħ (fejn il-lum hemm l-Iskola Dun Manwel Attard)

Id-dħul fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ għandu jkun għal studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jkunu segwew l-esperjenza tal-edukazzjoni obbligatorja tagħhom f'ċentru ta' riżorsi għall-edukazzjoni jew fi skejjel regolari u li jkunu approvati mit-Tim. Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ għandu jkompli jibni fuq l-esperjenzi u l-ħiliet diġà miksuba mill-istudenti fil-livell primarju u sekondarju sew jekk fi skejjel regolari jew f'Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni. Għandu wkoll iservi ta' pont u perjodu ta' addattament, fejn meħtieġ, biex l-istudenti jkunu jistgħu jgħaddu għal istituzzjonijiet edukattivi oħra jew għal taħriġ vokazzjonali.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ għandu jkollu l-għan li:

- Itejjeb il-kwalità ta' ħajja u jibni fuq il-preġi u l-interessi tal-istudenti individwali;
- Joffri ambjent addattat li bis-saħħa tiegħu studenti jiżviluppaw ħiliet inter-personali u intra-personali kif wkoll ħiliet ta' komunikazzjoni soċjali biex ikabbru kemm jista' jkun l-indipendenza tagħhom ħalli jsiru membri attivi tas-soċjetà;
- Irawwem lill-istudenti biex jagħrfu jerfgħu r-responsabbiltajiet li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja, jagħmlu għażliet infurmati u jieħdu deċiżjonijiet waħedhom jew billi jaħdmu ma' oħrajn;
- Jipprovdi esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum biex jgħinu l-istudenti fil-mixja tagħhom mill-adolexxenza għall-istat ta' adult;
- Jaħdem b'kollaborazzjoni mal-ġenituri/tuturi;
- Jiżviluppa programmi ta' studju fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali li jgħinu fil-mixja li l-istudent jista` jagħmel lejn istituzzjonijiet edukattivi ohra, impjieg jew Ċentri

ta' Matul il-Jum, skont liema jkun fl-aħjar interess tal-istudent;

- Jaħdem b'kollaborazzjoni ma' u jappoġġa lill-istituzzjonijiet edukattivi u aġenziji oħra bħal, per eżempju, MCAST, l-ITS, u l-ETC, u b'hekk jgħin b'mod aktar effettiv lill-istudenti fil-mixja tagħhom lejn il-post tax-xogħol.

## 3.8 Iċ-Ċaqliqa

Bħalissa hemm 198 student, li l-età tagħhom tvarja minn 4 snin sa 22 sena li qed jattendu f'xi waħda mill-iskejjel speċjali. Minħabba fir-riforma li hemm ħsieb li ssir, xi studenti se jkollhom jiċċaqilqu mill-iskola speċjali preżenti tagħhom għal ċentru ta' riżorsi differenti.

Huwa ferm importanti li kull student għandu jsirlu pjan ta' transizzjoni dettaljat qabel ma dan jiċċaqlaq minn ċentru għal ieħor. Dan għandu jiġi diskuss mal-istudent (meta possibbli), ġenituri/tuturi, amministraturi tal-iskejjel, għalliema, assistenti li jgħinu fit-tagħlim (LSA), *support workers* u professjonisti oħra skont kif jitqies meħtieġ.

Qed jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibli biex l-istudenti ma jkollhomx ibiddlu ċ-ċentru fi żmien sentejn mill-ewwel ċaqliqa tagħhom għaliex dan ma jkunx fl-aħjar interess tagħhom. Iċ-ċaqliq ta' studenti skont l-età għandu jkun flessibbli tul l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni ta' din ir-riforma[2].

Dan japplika mhux biss fil-każ ta' ċaqliq minn ċentru ta' riżorsi għal ieħor imma wkoll fil-każ ta' ċaqliq minn ċentri ta' riżorsi għal Ċentri ta' Matul il-Jum.

Fis-snin reċenti l-limitu ta' età biex studenti jibqgħu fi skejjel speċjali ttella' minn 19-il sena għal 21/22 sena qabel jiċċaqilqu għal Ċentri ta' Matul il-Jum. Qed ikun irrikmandat li sakemm din iċ-ċaqliqa ssir, dawn l-istudenti jibqgħu fl-istess istituzzjoni edukattiva li jattendu bħalissa. Dan japplika anke jekk iċ-ċentru jieħu l-funzjoni ta' Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja. Ma jkunx fl-aħjar interessi ta' dawn l-istudenti kieku kellhom jiċċaqilqu aktar minn darba f'medda qasira ta' żmien.

Studenti fl-erba' skejjel li għandhom 23 sena jew li jagħlqu t-23 sena tul is-sena skolastika li jmiss, għandhom jibdew jattendu f'Ċentru ta' Matul il-Jum.

---

2 P.e. Studenti tal-Iskola Helen Keller li għandhom 11/12-il sena u li għandhom PMLD suppost jibdew jattendu ċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Primarja billi r-riforma taħseb biex studenti bil-PMLD għandhom jibqgħu f'dan iċ-ċentru sa 13-il sena. Dawn l-istudenti jkollhom jiċċaqilqu mill-ġdid meta jagħlqu 13-il sena biex jibdew jattendu ċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/ta' Adulti Żgħażagħ. Dan ikun ifisser li l-istudenti jkollhom jiċċaqilqu darbtejn minn ċentru għal ieħor fi żmien sentejn mill-ewwel ċaqliqa. Għalhekk dawn l-istudenti għandhom jibqgħu jattendu fl-istess ċentru għax ma jkunx fl-aħjar interessi tal-istudenti jekk issir din iċ-ċaqliqa.



# 4. L-Istruttura ta' Tmexxija u l-Proċess ta' Implimentazzjoni

*Id-Direttur Servizzi tal-Istudent għandu r-responsabbiltà ġenerali għall-erba' ċentri. Fi ħdan dan id-direttorat insibu Maniġer u Uffiċjal għall-Edukazzjoni biex jaraw li l-implimentazzjoni tar-riforma sseħħ kif inhu propost u biex jassiguraw il-progress kontinwu tal-erba' ċentri. Kull wieħed mill-erba' ċentri għandu jkollu Kap taċ-Ċentru.*

## 4.1 L-Istruttura tat-Tmexxija

Il-Kapijiet taċ-Ċentri ta' Riżorsi tal-Primarja u Sekondarja jkunu responsabbli għaċ-Ċentri tagħhom. Madankollu, huma għandhom jikkollaboraw u jagħtu appoġġ u servizzi lil studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari. Il-Kapijiet taż-żewġ ċentri l-oħra huma wkoll responsabbli għaċ-Ċentri tagħhom. Iżda, f'dan il-każ huma għandhom jikkollaboraw ma' istituzzjonijiet edukattivi u aġenziji oħra għall-adulti biex jgħinu fil-mixja tal-istudenti lejn istituzzjonijiet edukattivi u/jew vokazzjonali, il-post tax-xogħol jew Ċentri ta' Matul il-Jum.

Kull Kap ta' Ċentru ta' Riżorsi jkollu jgħinu Assistent Kap, li d-dmir ewlieni tiegħu jkun li jiżgura l-implimentazzjoni tal-kurrikulu u li jżomm l-istandards. L-Assistent Kap għandu wkoll jikkoordina mal-Koordinaturi Inklużivi u/jew mal-Assistenti Kapijiet inkarigati mill-Inklużjoni fi skejjel primarji u sekondarji biex jiżgura li studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet jingħataw is-servizzi li jeħtieġu minn dawn iċ-ċentri.

*Il-Kapijiet taċ-Ċentri ta' Riżorsi għandhom jikkollaboraw u jagħtu appoġġ u servizzi lil studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' bżonnijiet u li jattendu skejjel regolari*

**Dijagramma 1 tirrappreżenta kif qed tkun proposta l-istruttura tat-tmexxjia**



## 4.2 Riżorsi Umani

Ir-riorganizzazzjoni tal-erba' skejjel speċjali se twassal biex tnejn miċ-ċentri sa jnaqqsu min-numru ta' studenti filwaqt li żewġ ċentri oħra sa jżidu fin-numru ta' studenti.

L-impjegati kollha li jgħallmu jew jagħtu appoġġ għandhom ikunu kwalifikati u jkollhom it-taħriġ professjonali xieraq biex jaħdmu fiċ-Ċentri differenti.

Impjegati li jaħdmu f'dawn iċ-Ċentri għandhom ikunu kapaċi li:

1. jaqdu d-dmirijiet kollha tagħhom skont il-bżonnijiet tal-istudenti;
2. jużaw ir-riżorsi kollha disponibbli fiċ-ċentru skont il-Pjan Edukattiv Individwali ta' kull student;
3. jakkumpanjaw l-istudenti biex imorru fi stabbilimenti oħra fejn ikunu jistgħu jingħataw servizz jew isegwu programm kif speċifikat fil-Pjan Edukattiv Individwali.

Assistenti Kapijiet se jintbagħtu f'kull wieħed miċ-Ċentri ta' Riżorsi kif diġà miftiehem fil-Ftehim ta' Lulju 2007 bejn il-Gvern u l-*Malta Union of Teachers*.

Karigi ġodda oħrajn li jridu jitqiesu huma dawk ta' *youth worker* biex jagħti appoġġ lil studenti fiċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ u *resource workers* għaċ-ċentri kollha biex ikun żgurat li l-istudenti jingħataw l-opportunitajiet xierqa skont il-bżonnijiet tagħhom waqt li jgħaddu mit-tfulija, għall-adolexxenza u mbagħad għal stat ta' adulti.

Iċ-Ċentri ta' Riżorsi għandhom jibqgħu jirċievu s-servizzi ta' fiżjoterapija u terapija tal-*ispeech and language*, permezz ta' professjonisti li huma provduti skont il-ftehim mad-Diviżjoni tas-Saħħa.

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja/Adulti Żgħażagħ u ċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ se jkollhom bżonn is-servizzi ta' *care workers* u ta' assistenti *care workers* biex jagħtu appoġġ lill-istudenti.

*L-impjegati kollha li jgħallmu jew jagħtu appoġġ għandhom ikunu kwalifikati u jkollhom it-taħriġ professjonali xieraq biex jaħdmu fiċ-Ċentri differenti.*

## 4.3 Rekwiżiti Oħra

Id-Dipartiment Servizzi tal-Istudent flimkien mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada għandhom ilestu skeda dettaljata ta' xogħlijiet biex ikomplu jiġu attrezzati l-erba` Ċentri ta' Riżorsi u biex dawn ikunu jistgħu jilħqu mal-bżonnijiet li se jinqalgħu minħabba r-riforma li qed tkun proposta. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jinkludu xogħlijiet ta' tisbiħ, aċċessibilità għal min juża siġġu bir-roti, eċċ.

## 4.4 Proċess ta' Konsultazzjoni

Bħala parti mir-riforma, se jkun hemm konsultazzjoni wiesgħa u laqgħat ta' informazzjoni ma' dawk kollha nvoluti. Hu rrikmandat li konsultazzjoni u laqgħat ta' informazzjoni jsiru ma', fost oħrajn:

- Diretturi tal-Edukazzjoni u Prinċipali ta' Kulleġġi
- Kapijiet tal-erba' Skejjel Speċjali
- Studenti li jattendu Skejjel Speċjali (meta possibbli)
- Ġenituri/Tuturi u qraba ta' studenti li jattendu Skejjel Speċjali
- L-impjegati kollha tal-erba' Skejjel Speċjali
- It-Trade Unions kollha involuti fis-settur
- Uffiċjali li jirrappreżentaw il-Ministeru għall-Politika Soċjali
- Uffiċjali li jirrappreżentaw is-Segretarjat Parlamentari għas-Saħħa
- Rappreżentant tal-Oppożizzjoni
- Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
- Kummissarju tat-Tfal
- Il-Federazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Maltin ta' Persuni b'Diżabilità
- Oħrajn li jistgħu juru interess f'din ir-riforma

## 4.5 Qafas ta' Żmien għall-Implimentazzjoni

Hu ppjanat li din ir-riforma tibda tkun implimentata tul l-2009 u l-2010.

Il-perjodu ta' konsultazzjoni se jingħata l-akbar importanza, u dan għaliex nemmnu li dawk kollha nvoluti għandhom iħossuhom li huma jiffurmaw parti minn din ir-riforma.

Aktar minn azzjoni waħda tista' tkun għaddejja tul iż-żmien ta' konsultazzjoni u ppjanar.

# 5. Konklużjoni

Fuq il-bażi tal-bidliet li qed ikunu proposti, din ir-riforma hi maħsuba biex:

- Tipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd;
- Tgħolli l-istandards ta' edukazzjoni u livelli ta' kisbiet;
- Tipprovdi opportunitajiet u firxa usa' ta' esperjenzi lill-istudenti kollha biex jitgħallmu u jirnexxu;
- Tkun konsistenti ma' riformi oħra li qed jitqiesu bħalissa, speċjalment it-**Transizzjoni mill-Iskejjel Primarji għal dawk Sekondarji f'Malta** (2008) u l-**Politika Nazzjonali u Strateġija għall-Kisba ta' Ħiliet Bażiċi fl-Edukazzjoni Primarja** (2009);
- Tipprovdi struttura ta' appoġġ għal skejjel, għalliema u *support staff;*
- Tipprovdi struttura flessibbli li hi bbażata fuq Prinċipji Edukattivi ta' Inklużjoni u li taħdem b'mod effettiv u skont id-dikjarazzjoni ta' bżonnijiet tal-istudent;
- Tkompli ssaħħaħ l-impenn u r-rakkomandazzjonijiet li saru f'dawn l-aħħar snin fil-qasam tal-Edukazzjoni Inklużiva.

Din il-proposta ta' riforma tagħti l-opportunità li wieħed jiffoka fuq l-isfidi li joffru l-edukazzjoni inklużiva u dik speċjali. Din għandha tgħin ukoll biex titqies is-sitwazzjoni preżenti u biex wieħed iħares 'il quddiem b'ħeġġa akbar lejn x'għandhom ikunu l-passi li jmiss.

Mingħajr dubju, fis-snin li għaddew, sar ħafna xogħol u bosta kienu l-kisbiet f'dan is-settur. Ir-riforma biex Skejjel Speċjali jinbidlu f'Ċentri ta' Riżorsi hija parti minn dan il-proċess li hu f'evoluzzjoni kontinwa, u dan għaliex il-miri u l-objettivi ta' edukazzjoni ta' kwalità qegħdin dejjem jinbidlu. Aħna nixtiequ naraw li din ir-riforma sseħħ għaliex nemmnu li hi l-pass 'il quddiem li jmiss u li hu meħtieġ li jittieħed biex nibqgħu niżguraw edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, l-aktar għal studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jattendu ċentri ta' riżorsi jew skejjel regolari.

Aħna nafu li din ir-riforma se tippreżentalna għadd ta' sfidi. Aħna lesti li niffaċċjawhom, l-aktar jekk dawk kollha involuti joffru l-impenn tagħhom. Din ir-riforma teħtieġ l-involviment ta' kulħadd biex tirnexxi. Hu ttamat li nsibu l-appoġġ neċessarju ta' kulħadd biex dak li llum hu biss proposta miktuba jinbidel f'esperjenza pożittiva u tanġibbli għall-istudenti kollha li għandhom bżonnijiet edukattivi individwali.

Ejja naħdmu flimkien biex nirfinaw din il-proposta ta' riforma u ejja naħdmu flimkien, **b'impenn akbar**, biex tirnexxi.

# Biblijografija

**Dikjarazzjoni ta' Salamanca u Qafas ta' Azzjoni dwar Edukazzjoni għal Studenti bi Bżonnijiet Specjali (1994)**
Tista'tinkiseb:
http://www.unesco.org/education/pdf/SALAMA_E.PDF

**Il-Ħolqien ta' Skejjel Inklużivi (2002)**
Jista' jinkiseb:
http://www.education.gov.mt/ministry/doc/inclusive_schools.htm

**Biex it-Tfal Jirnexxu Lkoll (2005)**
Jista'jinkiseb:
http://www.education.gov.mt/ministry/doc/pdf/for_all_children_to_succeed.pdf

**Ħarsien mill-Ġdid tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali (2005)**
Jista'jinkiseb:
http://www.education.gov.mt/ministry/doc/pdf/inclusive_edu.pdf

**Att dwar l-Edukazzjoni (2006)**
Tista' tinkiseb:
http://www.education.gov.mt/ministry/doc/pdf/acts/edu_laws/amendment_to_2003/Act_XIIIE.pdf